Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 16 ta' Gunju 2025**

**Distrett Valletta**
**Kaz nru. 3929/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Gabriel Micallef)**

**Versus**

**Floyd Carbonaro**
**(340190M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Floyd Carbonaro,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 340190M.

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Jannar, 2023, ghall-habta ta' bejn il-20:41hrs u l-22:45hrs gewwa l-istabbiliment bl-isem 'Carmen Bar', Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta, bhala l-persuna responsabbli:

1. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (Art. 338(dd), Kap. 9).

2. Fit-triq imsemmija jew f'post pubbliku iehor, haddem, gieghel jew halla lil min ihaddem *loudspeaker*, gramafon, amplifikatur, jew strument bhal dawn, ghamel inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqsekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li joqoghdu f'bini fil- qrib. (Art. 41(2), Kap. 10).

3. Halla fil-hanut matul il-lejl, kant jew hsejjes qawwija li dejqu jew b'xi mod iehor iddisturbaw lill- girien. (Reg. 23, L.S. 10.09).

F'kaz ta' htija l- Qorti hija gentilment mitluba biex tordna jew tawtorizza s-sospensjoni jew it-thassir jew l-iskwalifika milli jzomm jew jikseb xi *warrant*, licenzja, permess jew awtorita' ohra mahruga mill-Gvern jew xi awtorita' pubblika ohra. (Art. 30, Kap. 9).

Rat id-dokumenti kolha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-affidavit taghha PS 2344 Abigail La Ferla immarkat Dok AMGX 1 qalet li fid-29 ta' Jannar 2023 Pierre Johan Kevin Bigot ghamel rapport mal-Pulizija fil-22.45, li kien hemm muzika qawwija gejja minn 'Carmen Bar' bla waqfien bejn il-21:14 u 22:45, u li kien ilu gimghat u xhur ghaddej hekk. Fil-21:43 il-Pulizija marru fuq il-post u setghu jisimghu l-muzika mit-triq u dahlu u kellmu lil Floyd Carbonaro fejn infurmawh li kien dahal rapport minhabba muzika qawwija u qalulu biex ibaxxi l-muzika. Regghu marru fuq il-post bejn is-01:00 u 02:00 fejn ma kienx qed tinstema' l-muzika minn barra. Xi jumejn wara l-Pulizija ghamlu kuntatt ma' Pierre Johan Kevin Bigot fejn infurmawh li kienu ser johorgu l-akkuzi fil-konfront ta' Floyd Carbonaro.

Illi fl-20 ta' Mejju 2024, xehed Pierre Johan Kevin Bigot fejn qal li hu kien ghamel numru ta' rapporti l-ghassa tal-Belt minhabba li kien ilu tliet snin jisma' storbju mid-dar tieghu, ta' muzika tindaqq b'volum qawwi kwazi kuljum li tkun gejja minn 'Carmen Bar' li tinsab fit-Triq id-Dejqa, Valletta. Hu kien jirrapporta lill-Pulizija biex ibaxxu l-muzika wara l-11:00pm izda hafna drabi l-muzika tibqa' ghaddejja anke wara s-1.00am. Hu qal li ma jiftakarx id-dati li fihom ghamel ir-rapporti. Hu ma kienx kellem lil tal-bar ghalkemm kien jaf li s-sidien kienu Floyd Carbonaro u Karl Giglio, imma kien icempel lill-Pulizija, u hafna drabi meta kienu jmorru l-Pulizija, l-istabbiliment kien ibaxxi l-muzika. Darba kien kellem lil Karl Giglio meta shabu kienu heddewh, u kien mar il-Qorti biex jitolbuh skuza izda ma kienx jaf min hu Floyd Carbonaro. Ix-xhud spjega illi r-residenza tieghu hija appartament li qieghda kantuniera bejn Triq Arcisqof u Triq id-Dejqa, li tigi vicin 'Carmen Bar' u ghandu tieqa li taghti ghal fuq Triq id-Dejqa u jkun jaf li l-muzika gejja minn hemm. Ghalkemm hemm stabbilimenti ohra li jdoqqu l-muzika fi Triq id-Dejqa, dawn kienu aktar 'il boghod u ma kienx jisma' l-muzika taghhom.

Illi fis-17 ta' Marzu 2024 xehdet Dr. Kristen Camilleri bhala rapprezentanta tal-MTA li kkonfermat illi Floyd Carbonaro huwa registrat bhala operatur ta' 'Carmen Bar' u pprezentat Dok KC1 li huma

kopja tal-licenzja tal-MTA. Il-permess huwa ta' bar second class li jista' jbiegh ix-xorb alkoholiku u m'hemmx indikat il-hinijiet tal-operat, li tfisser li m'hemmx estenzjonijiet ghax kieku jkunu ndikati. Hemm awtoritajiet ohra li jirregolaw l-*amplified music* specjalment id-dipartiment tat-*Trade*, u jekk ikollu permess ghad-daqq ta' *amplified music*, dan ma jkunx imnizzel fil-licenzja ghax tohrog mill-legizlazzjoni sussidjarja 441.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghall-affidavit ta' PS 2344 Abigail Laferla. Illi l-istess PS 2344 tghid illi, *"......the Police reported on site and when the Police approached the mentioned establishment, the music could be heard from outside the Retail Outlet....and spoke with Mr Carbonaro Floyd..."*

Illi PS 2344 fl-ebda hin ma nizzlet fl-affidavit taghha min kienu l-Pulizija li marru fuq il-post u kellmu lill-imputat, u m'hemm imnizzel imkien jekk hi stess marritx fuq il-post u semghat din il-muzika hierga minn dan l-istabbiliment, u wisq inqas ma gew ipprezentati mill-Prosekuzzjoni affidavits ohra tal-Kuntistabbli li setghu marru fuq il-post dakinhar ta' l-akkadut mertu tal-kawza odjerna.

Illi in oltre x-xhud Pierre Johan Kevin Bigot naqas milli jikkonferma d-data ta' l-allegat akkadut mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat Floyd Carbonaro **mhux hati** u tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**